MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-21 ta' Frar, 2013

Rikors Numru. 1/2007/3

**Mary Cassar**
**vs**
**Francis Cilia (ID 437049M), Philip Cilia (ID 83352M) u Joseph Cilia (ID 629455M)**

Il-Bord

Ra r-rikors ghar- ritrattazzjoni ta' Francis Cilia, Philip Cilia u Joseph Cilia ippresentat fid 29 ta' Jannar 2007 fejn ippremettew :-

Illi fil-25 ta' Settembru 2006 inghatat sentenza mill-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba fil-kawza fl-ismijiet "Mary Cassar vs Francis, Philip u Joseph ahwa Cilia (Rik Nru 11/2005) li permezz taghha r-rikorrenti odjerni nghataw terminu ta' tlett (3) xhur sabiex jizgumbraw l-ghalqa ta' kejl ta' circa erbat elef u tnejn u tletin metru kwadru (4,032mk) imsejha tax-Xaghra tat-Targa l-Hamra limiti tas-Salib tal-gholja s-Siggiewi

Illi l-proceduri surriferiti gew a konjizzjoni tal-esponenti biss fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Jannar 2007 ossia meta l-Marixall tal-Bord nnotifika lil wiehed mill-esponenti, s-Sur Francis Cilia , bil-Mandat ta' Zgumbrament nru 3/2007, liema notifika saret fir-residenza tal-istess Francis Cilia bin-numru 63, Triq Papa Pawlu VI, is-Siggiewi.

Illi t-tlett esponenti, ghalkemm ahwa, huma lkoll mizzewgin u ilhom ghal kwazi tletin sena jghixu fid-djar konjugali differenti u dan f'lokalitajiet differenti f'Malta, kif taf tajjeb l-intimata.

Illi minkejja dan l-intimata lanqas darba wahda ma ppruvat tinnotifika lir-rikorrenti Philip u Joseph Cilia u ppruvat tinnotifika biss lill-esponent Francis Cilia fi kwalunkwe kaz fid-dar li kien ilu aktar minn sentejn qabel ma nfethu l-proceduri ma joqghod fiha.

Illi peress li qatt ma sar l-ebda tentattiv ta' notifika fil-konfront tal-esponenti Francis, Joseph u Philip Cilia qatt ma gew a konjizzjoni tal-proceduri mibdija kontrihom.

Illi fi kwalunkwe kaz, l-intimata setghet facilment taghmel indagini facilissimi biex isir taf l-indirizz reali tal-esponenti, anke b'semplici tiftixa fuq l-elenku tat-telefon, izda ghazlet li tibqa' tipprova tinnotifika f'dar vojta u maghluqa li fi kwalunkwe kaz kien precedentement joqghod fiha biss wiehed mill-esponenti ossia Francis Cilia.

Illi tali indagini mbaghad jidher li fil-fatt konvenjentement saret f'temp qasir hafna meta gie sussegwentement biex jigi notifikat is-surriferit mandat ta' zgumbrament li sar fid-dar fejn jabbita prezentament Francis Cilia.

Illi evidentement l-esponenti kellhom kull interess illi jiddefendu ruhhom fil-proceduri quddiem dan l-Onorabbli Bord kieku gew debitament notifikati anke peress li mhux talli ma hallewx l-ghalqa u x-xaghra in kwistjoni fi stat ta' abbandun izda talli ghadhom jahdmuha u jiehdu hsiebha sal-gurnata tal-lum.

Illi l-esponenti ghandhom kwindi interess li l-kawza deciza fil-25 ta' Settembru 2006 mill-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri

tar-Raba fl-ismijiet "Mary Cassar vs Francis, Philip u Joseph ahwa Cilia (Rik Nru 11/2005) tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza ghaliex ir-rikors promotorju qatt ma gie notifikat lill-esponenti Philip u Joseph Cilia u tressqet il-procedura tal-affissjoni u l-publikazzjoni bil-hsara ghall-interessi tal-istess esponenti kif inhu mahsub fl-artikolu 811(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu lil dan l-Onorabbli Bord joghgbu (1) jirrevoka s-sentenza moghtija fil-25 ta' Settembru 2006 fl-ismijiet "Mary Cassar vs Francis, Philip u Joseph ahwa Cilia (Rik Nru 11/2005) u (2) jordna r-ritrattazzjoni tal-istess kawza bl-ispejjes kontra l-intimata

Ra r-risposta tal-intimata Mary Cassar ippresentata fl 20 ta' Marzu 2007 fejn, biex tilqa' ghal talba rikorrenti, qalet:

Illi in linea preliminari n-nullita' tal-azzjoni odjerna stante li l-okkju tar-rikors kellu jigi invertit u dan ghaliex huma r-rikorrenti Francis Cilia et li qeghdin jipproponu l-azzjoni

Illi in linea preliminari l-azzjoni hija nulla stante illi ghaddew aktar minn tlett xhur minn meta r-rikorrenti saru jafu bis-sentenza inkwistjoni.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju n-notifiki tar-rikorsi numru 11/2005JC saru skond il-ligi kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza kwindi ma hemmx lok gbhal ritrattazzjoni.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra illi fl 1 ta' Dicembru 2008, dana il-Bord, diversament ippresjedut, cahad it-talba tar-rikorrenti wara illi dikjarat illi l-Bord ma huwiex kompetenti biex jisma u jiggudika talbiet ghar-ritrattazzjoni.

Ra illi fis 27 ta' Marzu 2009, il-Qorti tal-Appell laqghet l-Appell intavolat mir-rikorrenti Cilia u rinvijat l-atti lura lill-Bord sabiex dana jiddeciedi l-meritu tar-ragun tar-ritrattazzjoni skond il-Ligi.

Ra illi fit 28 ta' Marzu 2007 il-Bord ordnat l-allegazzjoni tal-process fl-ismijiet "Cassar Mary vs Cilia Francis et", Rikors Nru 11/05 deciz fil 25 ta' Settembru 2006.

Ra ix-xhieda moghtija minn Francis Cilia fl 14 ta' Mejju 2007 li tieghu saret anke il-kontro ezami dakinhar.

Ra ix-xhieda moghtija minn Philip Cilia fl 14 ta' Mejju 2007 li tieghu saret il-kontro ezami dakinhar.

Ra ix-xhieda moghtija minn Joseph Cilia fl 14 ta' Mejju 2007 li tieghu saret il-kontro ezami dakinhar.

Ra ix-xhieda moghtija minn Dr Silvio Cilia fl 14 ta' Mejju 2007 li tieghu saret il-kontro ezami dakinhar.

Ra ix-xhieda moghtija mill-Marixxal Joe Azzopardi fid 29 ta' Ottubru 2007 illi tieghu saret il-kontro ezami dakinhar.

Ra ix-xhieda moghtija ghal darba ohra mix-xhud Marixxal Joe Azzopardi reggha fit 23 ta' Gunju 2010.

Ra ix-xhieda moghtija minn Mary Cassar fid 9 ta' Frar 2011.

**Ikkunsidra**

Illi l-kawza odjerna hija kawza ta' ritrattazzjoni intavolata abbazi tal-artikolu 811 (b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta minn Francis Cilia, Philip Cilia u Joseph Cilia wara kawza ta' zgumbrament deciza kontra taghhom fil 25 ta' Settembru 2006, u li, wara tali sentenza fejn l-izgumbrament intlaqa', inhareg Mandat ta' Zgumbrament fis 17 ta' Jannar 2007 u dana gie notifikat lill Francis Cilia fl 24 ta' Jannar 2007 mill-Marixxal tal-Qorti Joseph Azzopardi - vide tergo 55.

Illi l-intimata fil-proceduri odjerni, ossija ir-rikorrenti fil-kawza originali, laqghet ghat-talba' ta ritrattazzjoni bi tlett

argumenti, illi issa l-Bord ser jipprocedi biex jikkonsidra wahda wahda.

L-ewwel eccezzjoni tirrigwarda n-nullita' ta' l-azzjoni peress illi l-okkju tar-rikors kellu jigi invertit la darba ir-rikors gie intavolat minn Francis Cilia et, illi fl-att promotur, izda, huma indikati bhala il-konvenut.

Dwar tali eccezzjoni, issir referenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza '**St. George's Park Company Limited vs Dr Hugh Peralta et**" deciza fis 6 ta' Ottubru 2009, fejn stqarret li gej:-

*Il-process istitwit taht l-Artikolu 811 tal-Kap 12 tal-Ligijiet jinkorpora gewwa fih zewg stadji. Dak hekk maghruf bhala "in rescindente" cioe` fejn il-Qorti tara jekk hemmx lok li s-sentenza ritrattata tithassar u dak "in rescissorio" fejn il-Qorti, darba li tigi rexissa s-sentenza soggetta ghar-ritrattazzjoni, tiddeciedi hija stess il-mertu tal-kawza. Huwa risaput li fl-istadju "in rescindente" il-Qorti ghandha biss tezamina jekk kinux jezistu jew le ragunijiet fil-ligi biex tigi milqugha t-talba biex is-sentenza annullata tigi impunjata. "Hu ghalhekk li f'dan l-istadju l-Qorti ma kellhiex u m'ghandhiex tinoltra ruhha f'indagini dwar l-aggravji fil-mertu li immotiva t-talba ghal ritrattazzjoni ... Kellha biss tillimita ruhha biex tistabilixxi jekk kienx hemm dawk ir-ragunijiet precizi dedotti mir-ritrattand li kellhom jinkwadraw ruhhom fil-parametri stretti li l-ligi stess timponi." (Formosa vs Peralta Appell 6/10/2000).*

Illi ghalhekk jirrizulta li l-process ta' ritrattazzjoni ghandu jinqasam fi tnejn - l-ewwel il-Bord jara jekk hemmx ragun fit-talba ta' ritrattazzjoni u imbghad, f'kaz li jinsab ragun ghal tali talba, il-kawza originali tigi rexissa u l-kawza terggha tinstema mill-gdid. Huwa propju ghalhekk illi l-okkju tar-rikors ta' ritrattazzjoni irid jirrispekkja l-okkju tal-

kawza originali illi taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni. Ghalhekk, l-ewwel eccezzjoni qed tigi michuda.

It-tieni eccezzjoni hija illi ghaddew aktar minn tlett xhur minn meta r-rikorrenti saru jafu bis-sentenza, u ghalhekk l-azzjoni ma ghandhiex tigi accetatta.

Il-Bord jinnota li Francis Cilia gie notifikat bil-Mandat ta' Zgumbrament fl 24 ta' Jannar 2007, kif jidher mill-istess Mandat tergo fol 55. Ir-rikors odjern imbghad gie ippresentat fid 29 ta' Jannar 2007, ossija anqas minn hamest ijiem wara illi sar jaf bil-Mandat ta' Zgumbrament.

Illi, skond ix-xhieda ta' l-istess Francis Cilia, huwa sar jaf bil-kawza meta gie notifikat bil-Mandat ta' Zgumrament fl-indirizz tieghu gewwa 63, Triq il-Papa Pawlu VI, Siggiewi illi attwalment ma kienx l-indirizz fejn originalment kellu jsir in-notifika tal-Mandat ta' Zgumbrament, peress illi originalment kellu jsir fl-istess indirizz illi fih gie notifikat allegatament l-istess Francis Cilia fil-proceduri originali 11/05JC, ossija fl-indirizz 106, Triq Santa Margherita, Siggiewi.

Illi l-artikolu 818 (1) (b) jipprovdi li l-periodu ta' tlett xhur jibda jiddekorri "mill-gurnata li fiha l-attur ikun gie jaf bis-sentenza" u jidher car illi l-attur ossija rikorrent sar jaf bil-Mandat ta' Zgumbrament fl 24 ta' Jannar 2007 bir-rizultat illi, ghalhekk it-tieni eccezzjoni, ma ghandhiex bazi u ser tigi respinta.

Illi t-tielet eccezzjoni, imbghad, tghid illi l-intimata ghamlet in-notifiki kif trid il-Ligi u ghalhekk il-bazi ta' ritrattazzjoni ma tesistix.

Illi jibda billi jigi nnutat illi, kif stqarret il-Qorti tal-Appell fil-kawza "**Anthony Aquilina vs Avv Anthony H Farrugia et**" deciza fis 16 ta' Frar 2004, l-istitut ta' ritrattazzjoni:-

*... huwa rimedju eccezzjonali nkwantu jikkostitwixxi deroga mir-regola generali li "res judicata pro veritate habetur". Konformement il-Qrati taghna dejjem sostnew li dan ir-rimedju tant straordinarju ghandu dejjem jigi ristrett ghall-kazi kontemplati fil-ligi u li tinghata interpretazzjoni ristretta tal-ligi. Fis-sentenza moghtija fis-26 ta' April, 1993, minn din il-Qorti, kif dak inhar komposta, fil-kawza Karmenu Mifsud Bonnici noe et vs John Scicluna noe et gie osservat li "L-istitut ta' ritrattazzjoni huwa wiehed specjalissimu li jippermetti li kawza tigi ezaminata ghat-tielet darba. L-organizzazzjoni ta' l-ordni gudizzjarju fl-istruttura taghha hija ta' zewg gradi – prim' istanza u appell – mentri r-ritrattazzjoni tintroduci t-tielet grad bhala mizura eccezzjonalissima intiza principalment biex tigi evitata ingustizzja cara u palezi, minhabba fatturi li jkunu jew sfuggew l-ezami ta' l-ewwel istanza jew taz-zewg istanzi jew li jkunu issopravvenew, basta li f'ebda kaz dawn il-fatturi ma jkunux dovuti ghan- negligenza procedurali ta' min jitlob ir-ritrattazzjoni.*

*Din il-Qorti, diversament preseduta, fis-sentenza moghtija fis-7 ta' Marzu, 1992 fil-kawza Mark Causon vs Carmel Portelli noe et b'rispett lejn il-principji hawn fuq enuncjati osservat li "Il-gurisprudenza taghna konstantement irriteniet li r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wiehed straordinarju, in kwantu jikkostitwixxi deroga ghall-principju fondamentali li l-gudikat jikkostitwixxi ligi bejn il-kontendenti, u dan indipendentement mill-fatt jekk dak il-gudikat jirrispekkjax kompletament il-verita` jew il-gustizzja. Il-guristi Rumani kienu jesprimu dan il-kuncett*

*bil-massima res judicata pro veritate habetur....Minn dak li ntqal isegwi li r-regoli li jiggvernaw ir-rimedju tar-ritrattazzjoni huma ta' interpretazzjoni strettissima (Koll. Vol. XXVII – I – 818). Diversament, taht il-pretest ta' ritrattazzjoni, il-litigant sokkombenti jkun jista' jerga jiftah il-kawza, u hekk, indirettament johloq ghalih tribunal tat-tielet istanza (Koll Vol.XLIII - I – 227) haga li mhux permessa mill-ligi."*

Illi tenut kont ta' dan l-insenjament, il-Bord trid tara jekk attwalment dak rikjest mill-Artikolu 811 (1) (b) attwalment jirrizulta, ossija illi r-rikors guramentat ma giex notifikat lill parti telliefa, basta tali parti ma tkunx dehret il-Bord fis-smigh tal-kawza.

Mill-atti processwali tal-kawza 11/05JC jirrizulta illi l-kawza giet intavolata kontra Francis Cilia, Philip Cilia u Joseph Cilia, lkoll fl-indirizz 106, St. Margaret Street, Siggiewi.

Thallset notifika <u>wahda</u> li rrizultat fin-negattiv fil 21 ta' Novembru 2004 (fol 4 tergo), u dana irrepeta ruhhu fit 13 ta' Frar 2006 (fol 8 tergo). Sussegwentement saret talba ghan-notifika wara il-hinijiet legali u, fid 29 ta' Frar 2006, dina kienet negattiva.

Finalment saret talba ghan-notifika bl-affissjoni u pubblikazzjoni, u jidher illi fit 13 ta' April 2006 dina giet pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern (fol 17) u fid 19 ta' Awissu 2006 gie ippubblikata fil-gurnal l-Orizzont (fol 41) filwaqt illi fis 16 ta' Awissu 2006 giet ippubblikata fit-Times of Malta (fol 42). Sa issa kollox jidher illi huwa korrett, fejn jirrigwarda n-notifika a tenur tal-Artikolu 187 tal-Kap 12.

Izda, fejn jirrigwarda it-tielet parti tal-publikazzjoni u affissjoni, ossija l-affissjoni, jidher skond l-atti processwali tergo fol 19, illi kien Francis Cilia <u>biss</u> illi gie notifikat

permezz ta’ affissjoni fl-Ghassa ta’ Siggiewi, fil-Kunsill Lokali ta’ Siggiewi u f’indirizz mhux maghruf gewwa s-Siggiewi.

Il-Bord, ukoll, ma jistax ma jinnutax illi l-Marixxal inkarigat ma kienx kapaci jindika fejn attwalment wahhal l-affissjoni fir-residenza ta‘ Francis Cilia, izda l-Bord qieghda tasal ghal konkluzjoni illi la darba r-riferta saret fuq l-istess folder fejn hemm indikat l-indirizzi, kif jidher a fol 19, ghalhekk, tikkonkludi illi l-affissjoni saret gewwa 106, St. Margaret Street, Siggiewi.

Issa, mill-provi prodotti mir-rikorrenti, jirrizulta illi Francis Cilia joqghod gewwa 63, Triq il-Papa Pawlu VI, Siggiewi, u dana mill-2003, filwaqt illi Philip Cilia ilu joqghod gewwa ‘St Gabriel, Flat B, Brared Street, Birkirkara mill 1978. Jirrizulta ukoll mill-provi illi Joseph Cilia ilu joqghod gewwa 140, Triq l-Iskol, Zannar mill-1980. Illi ghalhekkk, jirrizulta ben car illi l-ebda mit-tlett rikorrent ma qatt kienu joqghodu gewwa 106, Triq Santa Margerita, Siggiewi.

Illi, ghalkemm ma jinkombix fuq l-intimata illi tipprovdi prova permezz tar-Registru Elettorali fejn ir-rikorrenti kienu qed jirrisjedu fil-mument illi saret in-notifika bl-affissjoni, il-Ligi tirrikjedi illi “meta jkun possibbli, jekk il-post tar-residenza jkun maghruf, (in-notifika issir) billi titwahhal kopja tal-iskrittura mal-bieb ta‘ dik ir-residenza”.

Illi, apparti l-fatt illi semplici tfittxija fir-registru telefoniku kien juri li, ghal anqas Frank Cilia gewwa s-Siggiewi ma jirrisjedix fejn kien qieghed jigi notifikat, certament is-sens komun izda mhux daqstant komun kien jiddetta li t-tlett rikorrenti, li ghandhom rispettivament 64, 61 u 58-il sena, ma ghadhomx lkoll jghixu fl-indirizz tal-genituri taghhom, izda ghamlu l-familja taghhom u marru jghixu f’indirizz differenti.

Illi l-Bord ukoll ma jistax ma jinnutax illi ghalkemm kien hemm tlett rikorrenti fil kaz, l-intimata ghazlet illi thallas biss notifika wahda kull darba, kemm meta saru n-notifiki fil-hin legali darbtejn kif ukoll meta saret in-notifika wara il-hin legali, u dina hija indikazzjoni cara li l-intimata ma haditx il-passi mehtiega biex tinnotifika t-tlett partijiet permezz ta' tlett notifik separati, izda pprocediet dejjem b'notifika wahda, prova cara illi certament, tnejn mit-tlett partijiet qatt ma kienu ser jigu notifikati kif trid il-Ligi.

Illi jidher car illi l-intimata, fil-kaz odjern, ghazlet illi tiehu l-ehfef triq possibbli billi, minflok ma indagat fuq l-indirizzi tat-tlett persuni, ghazlet illi tniedi proceduri ta' notifika fl-indirizz tal-genituri tar-rikorrenti u, meta tali notifika ma sehhietx, ghax ovvjament ma hemm hadd fid-dar, ghaddew biex ghamlu l-pubblikazzjoni fil-gazzetti u regghu wahhlu l-affissjoni fl-indirizz tal-genituri taghhom.

Illi semplici ricerka da' parte tal-intimata kienet twassal sabiex tottjeni l-indirizzi differenti tat-tlett rikorrenti, u kien iwassal biex hija tinghata sentenza finali u effettiva fi zmien qasir u mhux, kif sehh issa, fejn jidher car illi ghadda hafna zmien inutilment u ma kien hemm ebda rizultat sa issa.

**Konkluzjoni**

Il-Bord, tenut kont tal-provi kollha hawn fuq prodotti, tqis illi it-tlett rikorrenti Frank Cilia, Philip Cilia u Joseph Cilia ma gewx notifikati bir-rikors ippresentat kontra taghhom fil 11 ta' Ottubru 2005 u ghalhekk ir-rikorrenti issodisfaw il-provvediment tal-Artikolu 811(b) tal-Kap 12 u l-aggravji u ragunament mressqa huma tali tiggustifika li l-kawza tigi ritrattata a tenur tal-Artikolu 811 (b) tal-Kap 12. Konsegwetement, din il-Bord qed tirrexxindi s-sentenza ta' dana il-Bord tal 25 ta' Settembru 2006 fl-ismijiet Mary

Cassar vs Francis, Philip u Joseph ahwa Cilia’ ghal finjiet u effett kollha tal-Ligi.

In vista ta’ tali decizjoni, il-Bord qieghed iqis lir-rikorrenti, intimati fil-proceduri originali, bhala debitament notifikati bir-rikors promotur ippresentat fil 11 ta’ Ottubru 2005 u qieghda takkordalhom ghoxrin gurnata sabiex jjippresentaw in-nota tal-eccezzjonijiet taghhom ghar-rikors ppresentat kontra taghhom u tiddiferixxi l-kawza ghal 25 ta’ April 2013 sabiex dakinhar il-Bord jara l-eccezzjonijiet imressqa u l-kawza tigi stradata ghal provi tal-partijiet.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------